QALA

Ref Nru: 21

Il-minuti tal-wiehed u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar l-Erbgha 18 ta' Dicembru 2013, fis-7:15 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Jesmond Borg<br>Victor Grech<br>Paul Buttigieg |
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tmintax u d-dsatax -il laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tat-tmintax u d-dsatax -il laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Ghazla ta' l-offerti ghal provvista u konsenja ta' *porfido paving slabs* u xoghol ta` tqeghid ta' *porfido paving slabs* u xogholijiet ohrajn relatati ghat-titjib ta' *Visitor's Experience* fi Pjazza San Guzepp, Qala bhala parti mill-progett '*Exploring and Improving Qala's Quality of Life through Heritage Trail*'.**

3.1 Ghall-offerta ghal provvista u konsenja ta' *porfido paving slabs* ghat-titjib ta' *Visitor's Experience* fi Pjazza San Guzepp, Qala bhala parti mill-progett '*Exploring and Improving Qala's Quality of Life through Heritage Trail*' li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi sitt offerti minghand Camray Co. Ltd., Uniking International, *Creations the Ultimate in Bathroom Elegance Ltd.*, M. Quip Co. Ltd., V & M Vella Imports Co. Ltd. u Gatt Tarmac Ltd. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013 fl-10:00 ta' filghodu fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, s-Segretarja

Ezekuttiva Marcia Borg, Daniel Schembri ghall-offerent M. Quip Co. Ltd., Victor Vella ghall-offerent V&M Vella Imports Co. Ltd. u Ronnie Gatt ghall-offerent Gatt Tarmac Ltd. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Edward Scerri peress li huwa flimkien ma zewg periti ohra studjaw fid-dettal dawn l-offerti. Il-Perit Scerri ta spejgazzjoni tal-offerti mitfuha. Wara li l-Kunsill iddiskuta mal-Perit dawn l-offerti, iddecida li tigi maghzula l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd.

3.2 Ghall-offerta ghal xoghol ta` tqeghid ta' *porfido paving slabs* u xogholijiet ohrajn relatati ghat-titjib ta' *Visitor's Experience* fi Pjazza San Guzepp, Qala bhala parti mill-progett '*Exploring and Improving Qala's Quality of Life through Heritage Trail*' li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tlett offerti minghand Pius Attard, Gatt Tarmac Ltd. u Road Construction Co. Ltd. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013 fl-10:00 ta' filghodu fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u Ronnie Gatt ghall-offerent Gatt Tarmac Ltd. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Edward Scerri peress li huwa flimkien ma zewg periti ohra studjaw fid-dettal dawn l-offerti. Il-Perit Scerri ta spejgazzjoni tal-offerti mitfuha. Wara li l-Kunsill iddiskuta mal-Perit dawn l-offerti, iddecida li tigi maghzula l-offerta ta' Gatt Tarmac Ltd.

## 4 Ghazla ta' kwotazzjonijiet ghat-tikhil tal-fortizza ta' Sant Antnin.

4.1 Ghal din il-parti tal-laqgha l-Ambaxxatur Christoph Caruana gie mitlub sabiex jirtira mill-laqgha peress li ghandu interess pekunjarju fil-kwotazzjonijiet ghat-tikhil tal-fortizza ta' Sant Antnin. Ghall-kwotazzjonijiet numru 1/2013 li nhargu ghal pubbliku, gew sottomessi erba` kwotazzjonijiet minghand Anthony Caruana, Pius Attard, Bugeja Bros Gozo Ltd u Carmel Portelli. Ghall-kwotazzjonijiet numru 2/2013 u 3/2013 li nhargu ghal pubbliku, gew sottomessi hames kwotazzjonijiet minghand Anthony Caruana, Pius Attard, Bugeja Bros Gozo Ltd, Noel Mizzi u Carmel Portelli. Ghall-kwotazzjonijiet numru 4/2013 li nhargu ghal pubbliku, gew sottomessi erba` kwotazzjonijiet minghand Pius Attard, Anthony Caruana, Bugeja Bros Gozo Ltd u Carmel Portelli Dawn il-kwotazzjonijiet nfethu fil-pubbliku nhar l-Erbgha 4 ta' Dicembru 2013 fl-10:00 ta' filghodu fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg u Pius Attard offerent. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda tal-kwotazzjonijiet li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden il-Perit Edward Scerri peress li huwa flimkien ma zewg periti ohra studjaw fid-dettal dawn il-kwotazzjonijiet. Il-Perit Scerri ta spejgazzjoni tal-kwotazzjonijiet mitfuha. Wara li l-Kunsill iddiskuta mal-Perit dawn il-kwotazzjonijiet iddecida li jigu maghzula l-erba` kwotazzjonijiet ta' Anthony Caruana.

QALA

## 5 Ghazla tal-offerti ghal servizz tal-*open skips*.

5.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill ghadu ma jrcievex ir-rapport fuq l-offerti ghal servizz tal-*open skips* li kellu jigi ppreparat mill-bord li gie mahtur sabiex jiddiskuti dwar l-ahjar ghazla ta' din l-offerta.

## 6 Materji ohra.

6.1 Is-Sindku semma li qed isiru xi rapporti fuq il-gazzetti lokali dwar il-girien li hemm fl-*area* ta' Muxi limiti l-Qala. Is-Sindku talab sabiex jekk xi hadd ikun jaf b'xi tip ta' informazzjoni fuqhom ghandu jghaddiha l-Kunsill halli jara ftit fuq dan il-kaz. Huwa semma wkoll li kien hemm miktub fl-artikli li l-Kunsill ghandu jinghata mis-sidien tal-barrieri tal-blat tal-qawwi f'ta Muxi madwar €70,000 peress li kien hemm kundizzjoni fil-permess ta' dawn is-sidien li jridu jaghtu lil Kunsill Lm2,000 fis-sena ghal manutenzjoni tat-toroq. Huwa semma li dan mhux il-kaz u li l-Kunsill ghandu jinghata madwar €4,000 li tkopri ta' sena wahda biss peress li f'snin li ghaddew il-permess kien mizmum minhabba l-appell li kien ghaddej. Il-Vici Sindku semma li huwa jhoss li l-Kunsill ghandu jinghata madwar €70,000 peress li avolja kien hemm l-appell ghadu ghaddej matul is-snin, xorta wahda dawn is-sidien ma waqfux milli juzaw it-toroq tal-lokalita` sabiex jghaddu ghal barriera taghhom. Is-Sindku semma wkoll li huwa rcieva telefonata minghand il-*press* dwar rapporti li s-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi li hemm f'ta' Muxi qed jahrat l-eghlieqi ta' madwar. Is-Sindku semma li l-Kunsill ma jidholx f'dan il-kaz peress li hija art privata izda jekk xi hadd ikun jaf b'xi informazzjoni dwar dan ghandu jitkellem. Il-Vici Sindku semma li ghandu jsir dak possibli sabiex nghinu lil dawn in-nies.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta dwar il-*performance* tal-iskrivana l-gdida Roseanne Azzopardi peress li bhalissa qedha ghal zmien ta' prova ta' sitt xhur. Wara diskussjoni l-Kunsill iddecida li ghandu jintemm l-impjieg taghha u ghalhekk ghandu jiccekkja sabiex jara l-pass li jmiss x'inhu u jekk tistax tintghazel il-persuna li giet fit-tieni post fil-lista ta' l-ordni.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar l-Erbgha 22 ta' Jannar 2014.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| Clint Camilleri | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |